MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

13 ta' Jannar 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.38pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sur Paul Ciantar u Dr. Musumeci li waslu ftit tard.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittra ta' apoloġija tas-Sinjuri Mangion u Portelli li kienu jinsabu indisposti.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 20 ġew approvati.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 *Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ*

Is-Sur Cordina qal li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Paul Chetcuti rigward l-edizzjoni tal-Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ. Hu kompla jgħid li l-edizzjoni ta' din is-sena qed tkun proposta li ssir jew 23 ta' Mejju jew fis-6 ta' Ġunju. Is-Sur Cordina qal li għandhom jipproċedu b'din l-attività sakemm il-fondi jkunu a dispożizzjoni taħt xi skema. Kulħadd qabel.

21.3.2 *Subbuteo Club*

Il-Kunsill irċieva is-soltu ittra ta' għajnuna finanzjarja li tingħata kull sena lil dan il-klabb affiljat mal-Kunsill li s-sena l-oħra wkoll kellu xi rebħ meta l-klabb tela' Bologna. L-ammont mogħti s-sena l-oħra kien ta' €300. Din iċ-ċifra se tingħata meta l-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar.

Dr. Musumeci daħal f'dan il-mument 5.42pm

21.3.3 *Noise Pollution*

Is-Sur Cordina qal li kif jafu kienu ddiskutew flimkien li kellha ssir laqgħa mar-residenti sabiex jiddiskutu kif ħa tittejjeb is-sitwazzjoni tal-istorbju minn postijiet ta' rikrejazzjoni biswit Ħ'Attard. Hu qal li qed jipproponi li din il-laqgħa ssir fis-26 ta' Frar 2026 fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali fis-6.30pm. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

21.3.4 *Bongu Malta*

Is-Sur Cordina qal li l-Ħadd li għadda niżel il-Kalkara biex jiġbor il-kukkarda bħalha soltu proċedura meta fl-aħħar tal-programm Bongu Malta il-preżentaturi jinfurmaw lit-telespettaturi minn fejn kien se jsir il-programm li jmiss. Il-programm kien se jsir

fil-Palazz tal-President fl-okkażjoni ta' Festa Ċitru taħt il-patroċinju tal-Kunsill. Biss, kompla jgħid li ftit ilu rċieva telefonalta oħra fejn ġie nfurmat li bħalha Sindku għan-nom tal-Kunsill mhux se jiftaħ u lanqas jagħlaq il-programm għax se jinfetaħ u jingħalaq mill-Palazz tal-President. Is-Sindku kien jinsab ferm urtat għax hu inqata' barra mill-programm kompletament u tal-inqas, kompla jgħid, jekk il-Palazz tal-President xtaqu jiftħu l-programm, dan kellu jingħalaq mill-Kunsill. Hu ħass li hekk waqqgħuh għaċ-ċajt u tenna li mhux se jattendi għall-programm il-Ħadd li ġej. Qal li hu u s-Sur Bartolo kienu nvoluti anki bħalha għajnuna biex jinstabu artisti biex jieħdu sehem waqt il-programm. Qal li nfatti Corazon u Neville sejrin, oħrajn le. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-produzzjoni tal-programm u li ħadd ma jattendi għall-programm tal-Ħadd li ġej.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.4.1 Sur Ralph Cassar

- Qal li hu dejjem jara kif ħa juża ċ-Ċentru tal-Kultura Edukazzjoni u Informazzjoni u għalhekk waqt li kien qed jitkellem mas-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ ġie d-diskors fuq post li seta' jintuża mis-Sindku biex jagħmel esebizzjoni ta' ritratti tal-għasafar. Id-data se tiġi mħabbra iktar 'il quddiem. Dr. Musumeci qal ukoll li ġie avviċinat biex issir Serata Letterarja minn tliet awturi rinomati fejn dawn jaqraw siltiet mill-kotba tagħhom stess waqt din is-serata fl-okkażjoni ezempju kif kompls Dr. Cassar ta' *World Book Day* li taħbat fit-23 ta' April 2026.
- Saqsa fuq Ġnien San Pawl u f'hiex wasal? Is-Sur Cordina qal li dan huwa ġnien żgħir biswiet il-Kappella ta' San Pawl, taħt ir-raħal, li qed isir wara li tkellem ma' Infrastruttura Malta u dawn offrew li jsir kollu a spejjez tagħhom. Dr. Cassar qal li sar bank tal-konkos madwar siġra għoli metru u li kif sar se jkun diffiċli biex jinġabar l-iskart minn ġo fih. Qal li diġà kien hemm xi kontenituri tal-McDonalds u n-nies qed jilmentaw li se jintela' kollu ħmieġ. Is-Sur Cordina qal li se jitkellm ma' Infrastruttura Malta.

Is-Sur Ciantar daħal f'dan il-mument 6.04pm.

21.4.2 Sur Remigio Bartolo

- Saqsa kif se jibqgħu fuq Jum Ħ'Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet jekk hux possibbli ssir banda ridotta biex jiffrankaw ftit flus, kif ukoll irrimarkat li mhux maħsub li jsir riċeviment wara bħas-soltu ovvja ħabba l-problema ta' flus. Is Sur Bartolo qal li l-banda ma tistax tiġi ridotta. Is-Sur Cordina qal li jistegħu iġibu t-tikka banda b'€1000 u jkun hemm 4 bandisti kollha. Dr. Caruana qalet li ma jagħmilx sens li ma tużax il-banda tal-lokalità. Dr. Musumeci qal li għandhom jinġabu kwotazzjonijiet għax per prinċipju idejjquh id-direct orders. Is-Sur Cordina talab lis-Sur Bartolo jġib kwotazzjoni imma qal li ma jistgħux jinġabu kwotazzjonijiet fuq baned

oħra meta di regola tmur li tintuża l-banda tal-lokalità. Is-Sur Bartolo se jkellem ukoll il-kantanti li kienu ħadu sehem is-sena l-oħra.

Helen Caruana

- Saqsie fuq il-bus shelter ta' Triq Santa Katerina. Is-Sur Cordina qal li qed jieħdu ħsieb ir-relocation il-Land Transport Directorate u Transport Malta. Hu se jiġi rilokat fejn hemm il-letterbox u kien ipoġġi t-trakk tal-ħaxix.

John P. Bonnici

- Saqsa fuq is-*soft area* forma ta' triangolu fi Triq l-Imdina, quddiem Art at Home li kienu jieħdu ħsiebha Attard Farm Supplies meta kellhom ir-reklami fiha, imma li kemm ilha li tranġat it-triq mal-proġett tas-Central Link, tneħħew ir-reklami kollha u issa tinsab fi stat ta' abbandun. Kompla jgħid li dejjem mimlija ħmieġ tal-klieb u abbandunata. Is-Sur Cordina qal li dik suppost jieħu ħsiebha l-Gvern Ċentrali permezz tal-kuntrattur ĠEB Ltd. Hu qal li ntbagħtet imejl lill-Ministeru u fil-każ tintbagħat reminder oħra.

## 21.5 Rapporti

21.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 21.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 21.6.1 *SPI/SCI/10/2025 Lifelong Learning Courses*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-korsijiet tal-*crochet* sejrin tajjeb ħafna fiċ-Ċentru tal-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni u għalhekk ipproponiet li dan jitkompla u jiżdiedu xi korsijiet oħra bħal fotografija.

### 21.6.2 *Skema ta' Saħħa AKL*

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-kunsilliera min minnhom għandu skema ta' saħħa biex ma jsirx *double funding* fuqha. Dr. Cassar qal li għandu. Qalet li dawk 'il fuq minn 70 sena mhumiex intitolati u min kien l-isptar b'mard kroniku wkoll. Għaldaqstant l-iskema ta' saħħa se ssir għas-sinjuri Musumeci, Portelli, Cordina, Mangion u Caruana.

Dr. Musumeci saqsa fuq ir-rata ta' taxxa peress li issa kien pensjonant. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bil-liġi l-*allowance* tal-Kunsill tiżdied mas-salarju tal-full time u għalhekk ir-rata għall-pensjonanti tista' tkun 0% peress li issa għola is-*ceiling,* imma tista' tkun biss jew 0% jew 20% jew iktar. Qalet li ħa tibgħat l-FS4's kollha lill-kulħadd biex jaġġornaw ir-rati.

Is-Sur Bartolo saqsa fuq l-użu tal-vann fil-lokalità. Is-Sur Cordina qal li jintuża fil-lokalità imma anki barra minnha biex imorru l-isptar Mater Dei, San Luqa, Bereġ u kliniċi, San Vinċenz u djar tal-anzjani oħra.

## 21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

21.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskeda tinkludi biss il-pagi u xi kontijiet li ġa tħallsu bħal tal-GO plc eċċ. Hi qalet li l-Bank kien fadal biss €56,000 ċirka u li l-pagi jinkludu l-*performance bonuses* approvati x-xahar ta' qabel. Kompliet tgħid li tkellmet mad-DG s-Sur Emil Vassallo, fuq din is-sitwazzjoni, li mill-20 ta' Novembru, meta daħlet l-ewwel *tranche 2026,* din kienet spiċċat biex tħallsu l-kredituri u ingħalqu xi proġetti u hu wegħda li ħa jingħaddew xi flus oħra. Għalhekk, kompliet tgħid, kienet qed tistenna li jidħlu xi flus fil-ġranet li ġejjin. Hi spiċċat billi qalet li jekk dawn jidħlu l-pagi jitħallsu full, jekk le ikollhom jinqassmu u jitħallsu x-xahar ta' wara.

Is- Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Paul Ciantar Sekondant: Dr. Helen Caruana

L-iskedi ġew approvati.

## 21.8 Mozzjonijiet; u

21.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 21.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Frar 2026 fis-5.30pm

Konfermati illum, 17 ta' Frar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |